MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 556/2004

**John Patrick U Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Elaine**

**vs**

**Peter Ronald Smith**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tmien liri Maltin (Lm608.00) liema somma tirraprezenta drittijiet professjonali u spejjez dovuti lin-Nutar Dottor John Patrick Hayman in konnessjoni ma' kuntratt li gie pubblikat mill-istess Nutar fis-16 ta' Novembru, 2000 (Ins.17913/00);**

**U billi l-konvenut minkejja li nterpellat biex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti;**
**U billi l-atturi huma l-eredi tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman;**
**Intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tmien liri Maltin dovuti kif hawn fuq spjegat, u dan prevja d-dikjarazzjoni illi huwa debitur tal-atturi fl-ammont indikat;**
**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut tal-14 t'April, 2004, fejn gie eccepit:**
**i. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap.16;**
**ii. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**
**iii. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju l-atturi jridu jippruvaw il-kreditu pretiz;**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' John Patrick Hayman u ta' Peter Ronald Smith. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din id-decizjoni tirrigwarda biss l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, cioe` dik li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` li l-azzjoni tigi preskritta wara li jghaddu sentejn.**
**2. Jigi rilevat illi l-perijodu preskrittiv jinkiser, fost ohrajn, b'kull att gudizzjarju u dana a tenur tal-Art.2128 et seq tal-Kap.16. Inoltre il-preskrizzjoni tinkiser ukoll "jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja." Dana kif stipulat fl-Art.2133 tal-Kap.16. Apparti minn dan il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn.**
**3. Mix-xhieda mismugha u mid-dokumenti esebiti ma jirrizultax li qatt intbaghat att gudizzjarju, hlief**

**ghall-prezenti avviz, li gie prezentat fit-12 ta' Marzu, 2004.**

**4. Kienet pero` intbaghtet ittra legali minn Dr. George Abela, fis-7 ta' Marzu, 2003, u sussegwentement ittra minn Dr. Lydia Zerafa fit-3 ta' Gunju, 2003, fejn l-atturi kienu qed jitolbu lill-konvenut ghall-hlas. B'risposta ghall-ittra li baghat Dr. Abela l-konvenut wiegeb bl-ittra Dok.JHP2. Fost ohrajn f'din l-ittra l-konvenut jistqarr hekk: "You will find this money <u>owed to John Hayman</u> was ref the purchase of a farmhouse in Qala, Gozo…….." Fl-istess ittra l-konvenut jilmenta dwar il-permess in kwantu deher li fil-post li kien qed jixtri kien hemm mahsub li ssir triq. Il-konvenut kien kellem lin-Nutar dwar din il-problema u skond il-konvenut il-kontijiet kienu ser isiru wara li tirrisolva l-problema.**

**5. Dan ta' l-ahhar il-konvenut jikkonfermah fid-deposizzjoni tieghu, u jzid jghid li fit-8 jew 9 ta' Jannar, 2001, kien ltaqa' man-nutar Hayman, u skond il-konvenut dan kien qallu biex ma jinkwetax peress illi kien ser jipprova jirrisolvi l-kwistjoni.**

**6. Ghalhekk mill-kumpless tax-xhieda jirrizulta illi bl-ittra tieghu fejn qal:"this money owed to John Hayman", il-konvenut kien kjarament u minghajr ebda dubbju qed jirrikonoxxi li hemm ammont dovut lin-Nutar, u dana kien wara li kien rcieva l-ittra minghand Dr George Abela tas-7 ta' Marzu, 2003. Ghalhekk il-perjodu preskrittiv inkiser bl-ammissjoni tal-istess konvenut dwar li kien hemm ammont dovut lin-Nutar.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, cioe` li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u jordna l-prosegwiment fil-meritu. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------